MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Talba Numru. 5/2009

**Telepage Limited (C 15974)**

**vs**

**Q Entertainment Limited (C 26083) u b'digriet tad-9 ta' Frar, 2009 l-isem tas-socjeta' konvenuta gie mibdul ghal Q Entertainment Productions Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tlett mitt ewro u sitta u hamsin ewro centezmi (€300.56) rapprezentanti ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas- servizz skond ma jirrizulta mill-fattura numru 0000070660 gja` mibjugha lis-socjeta' intimata.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 17 ta’ Marzu, 2008 bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-fattura u bis-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fl-24 ta’ Marzu, 2009 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta’ konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------